# RELIĠJON FORM 3 2009-2010

**Ktieb:** ***Lejn il-Ħajja - 3***

Is-Sillabu tar-Reliġjon għat-tielet sena ta' l-iskola sekondarja jagħti importanza l-għajxien tal-ħajja nisranija fil-ħajja ta' kuljum. Jagħmel enfazi fuq l-importanza li l-istudenti li għaddejjin mill-fażi importanti ta' l-adoloxxenza, jitgħallmu jagħmlu tagħhom deċiżjonijiet li jgħixu ta' nsara. Il-lezzjonijiet huma intiżi biex jgħinuhom jagħmlu dan.

## L-EWWEL TERM

| | | |
|---|---|---|
| L-1 Lezzjoni | L-istudenti, li bħalissa għaddejjin miż-żmien li fih ikunu jixtiequ li jkunu indipendenti minn ħaddieħor, ngħinuhom jagħmlu deċiżjonijiet tajba, mibnija fuq kuxjenza iffurmata tajjeb. Ngħinuhom jifhmu l-importanza li jfittxu għajnuna minn min jista' jgħinhom. | Paġna 01-18 |
| It-2 Lezzjoni | Nagħrfu d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom. Diffikultajiet ġejjin minna stess u minn ħaddieħor u mix-xitan. Kif nistgħu negħlbuhom bil-kuraġġ? | Paġni 19-38 |
| It-3 Lezzjoni | Nagħtu ħarsa lejn l-iskala tal-valuri fil-ħajja tagħna. Dan il-unit jagħti importanza lill-ewwel tliet kmandamenti. Nitkellmu wkoll dwar il-problema ta' l-okkult u s-sataniżmu. | Paġni 39-62 |
| **Il-Karmelitani** | L-istorja tal-bidu | |

## IT-TIENI TERM

| | | |
|---|---|---|
| L-4 Lezzjoni | Fid-dinja mhux qed ngħixu waħedna. Kif ser inġibu ruħna ma' ħaddieħor. L-ispeċjalità tan-nisrani hi l-imħabba. Kif ser inkunu altruisti? | Paġni 63-80 |
| Il-5 Lezzjoni | L-importanza tal-ħbieb f'ħajjitna. Kif nagħrfu ħbieb tajba minn oħrajn ħżiena. Kif aħna stess ser inkunu ħbieb sinċieri. Liema huma l-iktar punti importanti fi ħbiberija tajba. Naraw il-kmandamenti li jolqtu l-proxxmu. | Paġni 81-102 |
| Is-6 Lezzjoni | Is-sesswalità fil-ħajja tagħna, bħala rigal mingħand Alla. Differenza bejn stint u mħabba. Ngħożżu s-sbuħija tas-sesswalità li tana Alla u kif ser ngħixuha b'mod personali u lejn ħaddieħor. | Paġni 103-124 |
| **Il-Karmelitani** | L-istorja tkompli ...<br>Il-Profeta Elija u l-Verġni Marija | |

## IT-TIELET TERM

| | | |
|---|---|---|
| Is-7 Lezzjoni | Ir-relazzjoni tagħna mal-ġenituri, u mal-kumplament tal-membri tal-familja tagħna. Is-sehem tal-ġenituri fil-ħajja tagħna. Kif nistgħu nkunu ta' għajnuna għalihom? | Paġni 125-144 |
| It-8 Lezzjoni | X'hemm wara din il-ħajja? X'inhi l-ġenna?<br>X'tgħidilna dwar dan il-Kelma t'Alla? | Paġni 145-163 |

**Is-Sagramenti:** L-Ewkaristija – għaliex immur l-quddies l-Ħadd? (diskussjoni)

| **Meta:** | **Marki** |
|---|---|
| *Assessment* ta’ Novembru | 10 |
| Testijiet ta’ Novembru | 50 |
| *Assessment* ta’ Nofs is-Sena | 20 |
| Eżamijiet ta’ Nofs is-Sena | 100 |
| *Assessment* ta’ l-Aħħar tas-Sena | 20 |
| Eżamijiet ta’ l-Aħħar tas-Sena | 100 |